31987R0393

10.2.1987 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 40/9

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 393/87

tad-9 ta' Frar 1987

li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1963/79 li jipprovdi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-rifużjoni ta' produzzjoni fuq żejt taż-żebbuġa użat fil-manifattura ta' ċertu ikel ippreservat

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidrat it-Trattat li jwaqqaf Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 136/66 tat-22 ta' Settembru 1966 dwar it-twaqqif ta' organizzazzjoni komuni tas-suq fiż-żjut u x-xaħmijiet [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1454/86 [2],

Wara li kunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 591/79 tas-26 ta' Marzu 1979 li jipprovdi regoli ġenerali dwar ir-rifużjoni ta' produzzjoni għaż-żjut taż-żebbuġa użati fil-fabbrikazzjoni ta' ċertu ikel ippreservat [3], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 3788/85 [4], u b'mod partokolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Billi l-Artikolu 2(3) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1963/79 [5] jipprovdi li t-talba għall-verifika għandha tkun valida biss għall-proċess tal-fabbrikazzjoni li għandu jintemm qabel it-tmien tat-tielet xahar li jiġi wara dak li fih l-applikazzjoni tkun tressqet; billi l-esperjenza wriet li dan il-perjodu mhux biżżejjed mill-aspett tekniku għal ċerti proċessi ta' fabbrikazzjoni ta' ikel ipproċessat li fih jintuża ż-żejt taż-żebbuġa mhux biss bħala preservattiv iżda wkoll bħala ingredjent attiv fit-tħejjija tal-prodott lest; billi, biex dak l-ikel preservat ikun jista' wkoll jibbenefika mill-ħlas lura tal-fabbrikazzjoni, għandha ssir dispożizzjoni biex tippermetti lill-Istati Membri jiffissaw perjodu sa tmien xhur għal dawk il-prodotti li għat-t-tħejjija tagħhom il-perjodu ta' tliet xhur kif stabbilit ma jkunx biżżejjed;

Billi il-miżuri previsti minn dan ir-Regolament jaqblu ma' l-opinjoni tal-Kumitat tal-Ġestjoni taż-Żjut u Xaħmijiet,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Dan li ġej qiegħed b'hekk jiddaħħal fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KEE) Nru 1963/79 bħala t-tieni subparagrafu:

"'Iżda, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu għall-perjodu itwal li ma jkunx jeċċedi t-tmien xhur meta l-għanijiet tal-proċess tal-fabbrikazzjoni ta'l-ikel ippreservat ikun meħtieġ li ż-żejt jibqa' f'kuntatt mal-ħut jew il-ħxejjex għall-perjodu itwal minn dak previst fl-ewwel sub-paragrafu.'"

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum li jiġi wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jkun jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fid-9 ta' Frar 1987.

Għall-Kummissjoni
Frans ANDRIESSEN
Viċi-President

---

[1] ĠU C 172, tat-30.9.1966, p. 3025/66.
[2] ĠU L 133, tal-21.5.1986, p. 8.
[3] ĠU L 78, tat-30.3.1979, p. 2.
[4] ĠU L 367, tal-31.12.1985, p. 1.
[5] ĠU L 227, tas-7.9.1979, p. 10.